# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Comnsuelo Scerri Herrera LL.D DIP. MATR (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 7 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru: 271/2011 CSH**

**Carmel Cortis f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta'**
**Tiscor Construction Ltd (C-3459)**

**vs**

**Pace Property Development Limited (C35235)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar is-sbatax (17) ta' Awwissu 2011, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta minnha ghal xoghol ta' bini u kostruzzjoni minnu ezegwit fuq inkarigu taghha.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fl-atti nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru2011, fejn eccepiet:

1. "*Illi preliminarjament l-eccipjenti ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent u ghalhekk ma ghandhiex twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrent in kwantu mhix il-legittimu kontradittur ta' l-istess talbiet.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent in kwantu huma privi minn kull fundament guridiku u fattwali.*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li huwa ingunt in subizzjoni.*"

Rat ix-xhieda ta' **Reuben Pace** tal-20 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' wiehed mid-diretturi tas-socjeta' Pace Property Development Limited. Id-direttrici l-ohra hija il-mara tieghu. Huwa kkonferma li fil-5 ta' Settembru 2008 is-socjeta' konvenuta ghamlet kuntratt mas-socjeta' Tisco Construction Limited u esebixxa kopja ta' dan il-kuntratt li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument A. Huwa esebixxa wkoll kopja ta' dokument immarkat mill-Qorti bhala dokument B li huwa l-kontijiet li gew mahruga, u b'referenza ghal table 1, dawn huma l-kontijiet li gew mibghuta mis-socjeta' konvenuta, waqt li table 2, huma l-pagamenti li rceviet din l-istess socjeta'. Huwa esebixxa kopja tac-cheque images, meta l-pagament sar permezz ta' cekk, ricevuta meta l-pagament sar permezz ta' *cash*, kif ukoll il-*credit note* una volta sar xi tpartit, fis-sens li huwa kellu jiehu xi materjal minghand terzi persuni u ghaddihom lis-socjeta' attrici bhala parti mill- hlas.

Ix-xhud spjega li s-socjeta' Tisco Construction Limited kienet involuta biss fuq xoghol ta' kostruzzjoni u dan billi kienet giet inkarigata biex taghmel xi

xogholijiet ghas-socjeta' konvenuta. Ikkonferma li s-socjeta' konvenuta fis-sena 2009 kienet xtrat dar gewwa l-Mosta. Id-dar twaqqet minn socjeta' differenti, l-*excavation* ta' din id-dar sar minn socjeta' li ma ghandha x'taqsam xejn mas-socjeta' konvenuta u mal-kawza pendenti, u Tisco Construction Limited kienet responsabbli biss sabiex taghmel il-kostruzzjoni tal-blokka mill-gdid.

Kif jirrizulta minn Table 2 esebit fid-dokument B, huwa sostna li m'ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' Tisco Consruction Limited, anzi sar *over payment* ta' elfejn u disgha u erbghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€2,049. 65). Huwa qal li kien ghad fadal bilanc f'ammont ta' erbat elef (€4,000) u hu kien ghadda lil Tisco Construction Limited, *credit note* fl-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) rigwardanti *building material* minghand is-socjeta' JAJ. Xahrejn wara certu Josef Cortis, li jigi n-neputi tas-sur Carmel Cortis, kien ghamel kuntatt max-xhud fejn infurmah li s-socjeta' JAJ kienet irrifjutat li taghti l-materjal lill-istess Cortis. Ghalhekk kien talbu l-bilanc ta' erbat elef Ewro (€4,000) biex jaghtihomlu bhala *cash*. Ix-xhud stqarr li kien ha parir minghand l-avukat tieghu u qallu li una volta huwa trasferixxa din il-*credit note*, huwa ma kellux x'jaqsam aktar.

Ix-xhud stqarr li sar jaf li d-direttur ta' JAJ, certu Alfred Mizzi, f'Mejju tas-sena l-ohra kien miet f'accident, sfortunatament tragikament ghaliex kien tghaffeg b'lift u kienu gew infurmati li kienu ser jiehdu over it-tfal tieghu. Il-*credit note* pero' ghaddiha lis-Sur Cortis ftit qabel ma' effettivament kien miet Alfred Mizzi. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *credit notes* ohra ta' JAJ wiegeb li le, *credit notes* ohra ghaddielu per ezempju dawk ta' Zahra, pero' minn naha ta' JAJ kien hemm wahda biss. Mistoqsi ghaliex hemm zewg ricevuti ta' JAJ qal li effettivament il-*credit note* huwa kien xtraha minghand il-kumpanija AGH Limited registration number 49580 skont ma' jidher fid-dokument Z datat 3 ta'

Mejju 2011 u kien ghaddiha lil Josef Cortis fid-9 ta' Mejju 2011 skont Dokument X.

Rat in-nota ta' l-attur li giet prezentata fis-7 ta' Novembru 2012 li permezz taghha esebixxa zewg affidavits, wiehed ta' l-attur stess flimkien ma' xi dokumenti u l-iehor ta' Josef Cortis.

Rat l-affidavit ta' **Carmel Cortis** fejn iddikjara li xogholu huwa ta' kuntrattur u madwar tliet snin qabel kien kellmu Reuben Pace f'isem Pace Properties sabiex jaghmillu xoghol ta' bini fil-Mosta. Huma kienu ftehmu dwar il-prezzijiet tax-xoghol (Dok CC). Dan il-ftehim jghid illi fil-bidu x-xoghol kellu jithallas parti minnu billi jitrasferixxi fuq ix-xhud hanut tax-xaghar u l-kumplament fi flus. Dan kien ftehim li sar bil-kelma. Wara xi xhur Reuben qallu li kien ser ihallas fi flus. Il-ftehim kien li wara li x-xhud ilesti sular, kellu jinhareg il-kont tal-Perit li kien il-Perit Kevin Fsadni u Reuben Pace ihallas lilu.

Huwa spjega li x-xoghol beda f'Settembru, 2009 u hu halla f'idejn in-neputi tieghu Josef. Ix-xoghol kien jikkonsisti f'bini ta' basement garaxx, sular b'maisonette, sular b'zewg flats, sular iehor flat wiehed u parti minn penthouse u s-sular ta' fuq jigi t-tieni sular ta' duplex penthouse flimkien mal-washrooms.

F'Ottubru 2009, lestew il-basement garaxx u nhareg il-kont (Dok CC1) fl-ammont ta' €24,048.02 (minghajr VAT) u Reuben hallas €10,000 fi flus jew cekkijiet filwaqt li ghadda parti mill-hlas b'konkos. Meta kien tkellem max-xhud u ma' Josef sabiex ihallas bil-konkos ftehmu li jekk il-konkos ha jintuza l-Mosta ser ikun bil-prezz li xtrah Reuben filwaqt li jekk le jkun bi tnaqqis ta' 12% mill-prezz. Din il-proposta hareg biha Reuben stess ghax ma kellux flus kontanti biex ihallas. Dan il-konkos kien gej minn tpartit li ghamel ma' certu Zahra Properties Ltd fejn Rueben bieghilhom flat mill-blokka tal-Mosta u Zahra tawh konkos. Xhin lestew il-basement garaxx, apparti l-€10,000, Reuben Pace

ghaddielhom konkos fil-valur ta' €9,750.16 li ntuza fil-blokka tal-Mosta u l-kumplament €4,053 ghal lantijiet ohra (€4,606.12 – 12%). Huwa stqarr illi kien baqa' bilanc fuq il-basement garaxx ta' circa €315 u l-VAT ta' €4,328.64.

Huwa kompla jispjega li minn naha taghhom komplew ix-xogholijiet u sa Marzu, 2010 kienu lestew ground floor (maisonette), l-ewwel sular (2 flats) u t-tieni sular (flat u l-ewwel sular tal-penthouse). Il-Perit kien hareg kont tal-ground floor (Dok CC2 datat 10.03.2010) li kien il-kont ghax-xogholijiet tal-ground floor (maisonette) fl-ammont ta' €19,734.28 (minghajr VAT). Wara nhareg kont (Dok CC3 datat 16/3/2010) minn Edward Caruana bi qbil ma' Reuben, ghax il-Perit ma setax ikompli, li ammonta ghal €22,784.05 (minghajr VAT). Il-kont tat-tieni sular inhareg wara u kien jammonta ghal €18,231.31 (Dok CC4). L-ammont globali tal-ground floor, first floor u second floor ammonta ghal €60,750.09 (minghajr VAT). Mhux inkluz mal-ammont hemm €71.97 ghal qlugh li ghamlu fuq hitan bl-approvazzjoni tieghu stess.

Minn dan l-ammont kien ghad fadal bilanc ta' €28,956.01. Sussegwentament Reuben gab xi gebel bil-prezz ta' €314.50 li tnaqqas mill-bilanc u hallas ukoll €16,000 f'cekkijiet u flus. Ghalhekk kien fadal bilanc ta' €12,641.51.

Huwa baqa' jispjega li sadattant kienu komplew bix-xoghol tat-tielet sular u nhareg il-kont fit-18 ta' Mejju 2010 fl-ammont ta' €8,540.05 (Dok CC4). Ghalhekk iddikjara li l-kont finali kien €12,641.51 (bilanc mill-kontijiet precedenti) + €8,540.04 (l-ahhar kont) + €1,000 ta' *alterations* mitluba u approvati minn Reuben Pace li ammontaw ghal total ta' €22,181.55. Minn dan l-ammont Reuben Pace hallas permezz ta' konkos (€9,035.41), hallas ghal bricks li hadu minghand il-Blokrete li ammontaw ghal €2,800.51 (bil-formula ta' €3182.40 – 12%). B'hekk il-bilanc finali ammonta ghal €12,195.63.

Huwa stqarr li dan l-ammont ta' €12,195.63 ma jinkludix il-VAT li ghadu jrid jithallas. L-attur spjega li qed jillimita din il-kawza fuq il-bilanc tax-xoghol dovut skond il-kontijiet. Rigward il-VAT pendenti, dan ma thallasx peress li bi ftehim ma' Reuben Pace dan kellu jithallas fl-ahhar u fil-fatt hu qed jirriserva li jipprocedi b'kawza ohra kontra l-istess.

Rat l-affidavit ta' **Josef Cortis** li fih iddikjara li huwa jahdem ma' zijuh Carmel Cortis. Huwa spjega li l-maggoranza tax-xoghol fuq il-lant tal-Mosta, Triq l-Isperanza li kien inkarigahom bih Reuben Pace sar minnu stess u minn haddiema ohra. Hafna drabi kien imur ukoll zijuh biex jispezzjona x-xoghol.

Huwa ghamel referenza ghall-affidavit ta' Carmel Cortis fejn ikkonferma l-kontenut tieghu wara li dan inqralu minn Dr Maria Azzopardi LL.D. Ix-xhud spjega li huwa, Reuben u l-Perit jew imbaghad Edward Caruana, kienu jkejlu u wara kienu jiltaqghu huwa, Reuben u zijuh fuq mejda biex johorgu l-kontijiet. Huwa sostna li dejjem kien hemm ftehim ma' Reuben fuq dan u jaf ukoll li kien ghad fadal bilanc dovut. Kien hemm ukoll ftehim li l-VAT jithallas fl-ahhar. Infatti apparti l-bilanc li fadal jithallas, baqa' jithallas ukoll il-VAT dovut.

Rat in-nota tar-rikorrenti li giet prezentata fis-seduta tat-13 ta' Frar 2013 illi permezz taghha gie prezentat affidavit ta' Edward Caruana.

**Edward Caruana** iddikjara fl-affidavit tieghu li huwa jaghmel xoghol ta' *qualified quantity surveyor* u jiftakar li l-attur kien qabbdu jaghmel kejl ta' xoghol li sar mill-attur stess fi blokk li qieghed Triq l-Isperanza, il-Mosta. Din ma kienitx l-ewwel bicca xoghol li huwa kien ghamillu.

Huwa spjega li x-xoghol kien ser isir ghal Rueben Pace fejn kien iltaqa' mieghu darba fuq il-lant tax-xoghol. Ix-xhud kien qed ikejjel l-ewwel sular meta Reuben Pace mar bit-tifel. Huwa dejjem kejjel sular b'sular sabiex johrog il-

kont ghal kull sular li kien dovut lill-attur bhala l-kuntrattur. Huwa sostna li qatt ma kellu lmenti fuq xi kont u hu kien jghaddihom lil Josef Cortis jew lil Carmel Cortis. Il-blokka kienet tikkonsisti f'basement garages u tlett sulari fejn fis-sular ta' fuq kien hemm *penthouse*. Ix-xhud tenna li huwa qatt ma kellu xi lment minn naha ta' Reuben Pace jew ta' Cortis rigward il-kejl li kien johrog wara t-tlestija ta' kull sular. Huwa jiftakar li meta kien mar ikejjel l-ahhar sular Josef kien qallu li kien qed ikollu l-problemi sabiex jithallsu minghand Pace peress li Pace kien qed jghaddilu somma akkont izda l-kont kien qed jibqa' tiela.

**Reuben Pace** xehed fit-8 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li s-sur Cortis fl-affidavit tieghu kien qal li x-xhud kien accetta wara li nbena l-ground floor li minflok il-kejl isir mill-perit tieghu Kevin Fsadni, isir minn surveyor certu Edward Caruana prodott mis-Sur Cortis. Huwa filfatt cahad dan u qal li dak iz-zmien il-Perit Fsadni kien indispost u s-sur Cortis xtaq ikun jaf fejn hu dwar il-kontijiet. Ghalhekk Cortis qal lix-xhud li kien ser iqabbad is-surveyor biex jara kemm effettivament kien tela' x-xoghol. Huwa qatt ma qabel li l-kontijiet tas-Sur Caruana kienu ser jorbtu lilu, cioe li jissostitwixxu dak ta' perit.

Ix-xhud esebixxa *summary of bills issues* li huwa mmarkat bhala Dok. A li fiha deskrizzjoni tax-xoghlijiet li sar. Fit-tielet kolonna hemm idikat l-ispiza involuta skont il-kontijiet tal-Perit Kevin Fsadni u fir-raba' kolonna hemm il-kontijiet li huwa kien issottometta qabel u jidher li hemm varjanzi zghar bejn dak li qed tissottometti s-socjeta' konvenuta u dawk sottomessi mill-Perit Kevin Fsadni. Huwa ddikjara li dawk korretti huma tal-Perit Fsadni. Huwa spjega li fil-hames kolonna hemm il-kontijiet kif sottomessi mill-Perit Cortis.

Ix-xhud ikkonferma dak li qal is-Sur Cortis fl-affidavit tieghu li parti mix-xoghol li sar bi hlas waqt li parti iehor sar bi tpartit ta' xoghol. Pero' qatt ma kien hemm ftehim li mill-bricks jew mill-materjal li jaghtih kellu jinqata' tnax fil-mija tal-kont. Filfatt fl-ewwel seduta li huwa xehed kienipprezenta numru

ta' *credit notes* iffirmati minnu kif ukoll mis-Sur Cortis fejn hemm imnizzel l-ammont li kien qed jigi trasferut fis-sens l-ammont li kellu jigi mnaqqas mill-kont finali. Ghalhekk l-ammont li huwa hallas huwa dak imsemmi minnu fl-ewwel xhieda li kien ta. Pero' jaqbel mas-sur Cortis fejn jghid li kien hemm xoghol ta' elf ewro addizjonali li kien hemm ftehim verbali fuqu li mhux imnizzel u kien hemm ukoll kont ta' €76.71 li kellu jhallas extra x-xhud, li qabel ma kienux imnizzla. X'hin tghoddhom flimkien u tghodd il-VAT fuqhom, dawn jammontaw ghas-somma ta' €1,264.93 li huwa jaqbel li ried ihallas zejda. Pero' x-xhud stqarr li meta jitnaqqas kemm effettivament hallas ix-xhud, kif jirrizulta mid-dokument B li gie ezebit mix-xhud ma kemm hemm kontijiet, huwa hallas overpayment ta' €784.72.

Ix-xhud sostna li peress li l-hlas tax-xoghol irid isir bil-VAT u hu jkun irid johrog l-ispejjez, is-somom mahdumim minnu jkunu dejjem bil-VAT inkluz. Huwa cahad li huwa ftihem mas-Sur Cortis li l-VAT kellu jithallas fl-ahhar. Huwa kemm-il darba talbu l-ircevuti pero' qallu li kellu problemi serji mad-dipartiment tal-VAT. Ix-xhud iddikjara li hu nghata ricevuta wahda li esebiha seduta stante u li l-Qorti mmarkat bhala Dok. C li hija somma ta' ghoxrin elf. Ghalhekk ix-xhud qed jitlob lis-Sur Cortis sabiex jaghtih l-ircevuti fiskali l-ohrajn.

Ix-xhud tenna li huwa kien ghaddielu *credit note* ghas-somma ta' €4,000 li kienet moghtija lix-xhud minghand JAJ Limited u din ma giet imsemmija mkien. Dwar l-affidavit tas-surveyor Edward Caruana fejn qal li kien hemm ftehim mieghu qal li hu qatt ma tkellem direttament ma' Edward Caruana. Huwa dejjem tkellem fuqu mas-Sur Cortis. Mistoqsi jekk ghandux kopja tac-cekkijiet li huwa ghamel xi hlasijiet bihom, huwa prometta li jgibhom mill-bank.

**Reuben Pace** rega' xehed fit-3 ta' Lulju 2013 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub fis-seduta precedenti biex jesebixxi kopja ta' cheque images in konnessjoni max-xhieda li kien ta u dan peress li kien hemm numru ta' ricevuti li ma kellhomx *cheque number* fuqhom. Huwa spjega li fil-lista li kien ta lill-Qorti kien nizzel il-pagament bhala *cheque*. Huwa esebixxa kopja tac-*cheque images* in kwistjoni li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH.

**Kevin Fsadni** xehed fl-4 ta' Ottubru 2013 fejn wara li ra kontijiet esebiti fl-atti a fol 113 et seq spjega li dawn huma kontijiet rigwardanti *measured works* u kkonferma li din id-dokumentazzjoni giet mahruga kollha minnu. Huwa jiftakar li l-ewwel tliet kontijiet li hareg, il-kejl kien sar flimkien mar-rapprezentant tal-kuntrattur waqt li l-ohrajn tkejlu min-naha tax-xhud biss.

**Reuben Pace** xehed in kontro-ezami fid-29 ta' Jannar, 2014 fejn iddikjara li x-xoghlijiet gewwa l-Mosta bdew f'Awwissu 2009. Huwa kkonferma li qabel dan ix-xoghol, Cortis ghamillu xi xoghol gewwa s-Siggiewi. Dan ix-xoghol tas-Siggiewi kien sewa bejn wiehed u iehor xi elfejn ewro. Mistoqsi jekk ghandux dokumentazzjoni dwar il-progett tas-Siggiewi, qal li jista' jkun li ghandu d-dar u pprometta li jiccekja. Ipprometta li fis-seduta sussegwenti jesebixxi dokument li jindika kemm kien dovut tax-xoghol tas-Siggiewi kif ukoll kemm effettivament hallas. Huwa jiftakar li kien hemm persuna li kienet ghamlitlu xi xoghol gewwa s-Siggiewi u x-xoghol li ghamlet din il-persuna ma kienx ta' kwalita' tajba, tant li filfatt kien dahal hafna ilma fil-garaxxijiet tas-Siggiewi u fl-istess zmien sar jaf li s-Sur Cortis u beda jkellmu fuq ix-xoghol li kien ser jaghtih gewwa l-Mosta. Ix-xhud kien semmielu din il-problema fejn qallu li l-art tal-garaxxijiet kienet saret hazina u l-art kellha titkisser ghax kienet tal-konkos u s-Sur Cortis kien ta l-konkos. Jekk ma kienx sejjer zball ix-xhud dan kien ix-xoghol li sar pero' mhux cert mija fil-mija. Fuq il-Mosta spjega li kellhom kuntratt u effettivament kien hemm ir-rati msemmija f'dan il-kuntratt liema kuntratt hemm ukoll il-firma tas-sur Cortis. Ix-xhud tenna li kien sar

ftehim fuq il-kuntratt li parti jithallas flus u parti ohra materjal. Pero' ma kienux ftehmu fuq il-proportions ta' kif kellu jsir dan.

Mistoqsi kif kien jaf li kien ser ikollu *credit note* f'idejh minn qabel wiegeb li huwa kellu flat il-Mosta u kien ghamel tpartit ta' flat minn blokka flats li kien bena s-Sur Cortis stess u dan partu ma' materjal minghand Zahra Limited pero' dan in-negozju sar meta x-xoghol ma kienx ghadu beda u ghalhekk kellu l-kreditu minghand Zahra Limited li seta' jiehu l-materjal tal-bini u ghalhekk kien jaf minn qabel. Ix-xhud ghandu dokumentazzjoni relattiva ghal dan it-tpartit ukoll. Jekk mhux sejjer zball kien sar konvenju dwar dan il-ftehim.

**Reuben Pace** xehed fl-14 ta' April, 2014 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub sabiex jesebixxi provenjenza dwar materjal li huwa kien ghadda lis-sur Cortis. Huwa esebixxa kopja tal-konvenju li ghamel ma' Zahra Limited li gie mmarkat Dokument Z, fejn huwa kien ghadda lil Zahra Limited, Flat numru wiehed, fil-blokka tal-Mosta li bena l-istess Sur Cortis gewwa l-Mosta. Huwa tenna li huwa thallas effettivament permezz ta' materjal. Ghalhekk huwa gab il-materjal in kwistjoni in kontro-kambju ma' dan il-konvenju.  Dwar il-kwistjoni tax-xoghol li kien sar is-Siggiewi, il-hlas li huwa kien ta lis-sur Cortis kien sar permezz ta' *cash*, fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000). Fil-fatt huwa kien hallas lis-sur Cortis ukoll elfejn ewro (€2,000) ohra fuq il-Mosta. Huwa lis-sur Cortis kien tah elfejn ewro cash li ma ghandux ricevuta taghhom, in konnessjoni max-xoghol tal-Mosta. Anzi huwa kkorega ruhu u qal li kopja tal-ircevuta esebita, tikkoncerna x-xoghol li sar gewwa l-Mosta. Rigwardanti x-xoghol li kien ghamillu gewwa s-Siggiewi, ix-xhud jaf li hallsu elfejn ewro (€2,000) u sal-lum il-gurnata ghadu bla ricevuta.

**Reuben Pace** xehed in kontro-ezami fit-18 ta' Frar, 2015 fejn iddikjara li fil-kaz in kwistjoni hemm kont li jikkoncerna xoghol li jitkejjel mhux *lump sum*. Ir-rati miftehma kienu *exclusive of VAT*. Il-kontijiet tal-Perit Fsadni kkonkluda

l-ammont dovut u mbaghad hemm il-VAT fuqhom u mbaghad it-total finali. Huwa gie muri dokument esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dokument CC1 a fol 67 et sequitur tal-process. Fdan id-dokument hemm indikat *masonry works, concrete works* u mbaghad *total excluding taxes*. Sussegwentement fil-kaxxa hemm miktub il-VAT dovut fuq dan l-ammont u l-*measurement fee at one per cent* (1%) u ghalhekk per ezempju f'dan il-kont CC1 il-kont totali kien ikun €24,048.02 bhala *masonry* u *concrete work*, oltre dan irid izid VAT ta' tmintax fil-mija (18%) li jammonta ghal 4328.64 *plus measurement fee* ta' wiehed fil-mija (1%) li jammonta ghal €283.77. Una volta tghodd dawn it-tliet somom iggib l-ammont totali ta' dan l-*invoice* partikolari u dan japplika ghall-istess ghal dokument CC2 a fol 72. Mistoqsi ta' min kienet l-ideja li jithallsu b'xi *credit notes* jghid li kienet taghhom it-tnejn pero' jghid li effettivament l-ideja kien hareg biha hu u s-Sur Cortis kien accetta.

Ix-xhud stqarr illi m'ghadux fil-mestier tal-bini. Filfatt xoghlu proprja huwa ta' kompozitur. Il-*credit notes* li huwa pprovda kienu ta' Joe Zahra maghruf bhala Joe Sinna. Filfatt huwa kien partatlu plot ma' materjal. Is-Sur Cortis mbaghad staqsieh jekk kellux pjacir bil-materjal ta' Zahra, huwa wiegbu fl-affermattiv. Is-Sur Cortis kien jghid lix-xhud biex jghaddilu ghaxart elef konkos u huwa kien jghaddilu *credit note* ta' ghaxart elef ewro (€10,000). Huwa ma jafx li effettivament jekk jixtri materjal bi *credit note* jew *cash* ir-rata tkun differenti. M'huwiex minnu dak li qed jigi allegat lilu mill-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta li huwa kellu xi ftehim mal-attur fis-sens illi *credit note* jintuzaw jekk huwa fuq il-lant tax-xoghol tal-Mosta u jsir fl-ammont indikat tal-*credit note* pero' jekk ha jintuza' fuq xi xoghol iehor dan kien ha jigi addebitat fis-somma tnax fil-mija (12%). Huwa qal li ma kien hemm l-ebda ftehim bhal dan. Meta huwa ha l-*credit note* huwa kien iffirma ghall-ammont indikat fl-istess *credit note*. Ix-xhud ikkonferma li wahda mill-*credit notes* intuzati kienet tas-socjeta' J&J u dan fl-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000). Ix-xhud ma kienx jaf li effettivament is-socjeta' J&J kienet falluta meta ghadda l-*credit note* u lanqas

kien jaf li kien hemm xi kawzi kontra s-socjeta' J&J. Mistoqsi kemm kien ghadda z-zmien meta xtara l-*credit note* u ghaddiha lis-Sur Cortis qal li effettivament kien hemm xi gimgha. Naturalment huwa xtara l-credit note *cash*. Fil-fatt kien xtraha b'ammont inqas minn dak li deher fil-kreditu u cioe' kien xtraha ghall-ammont ta' tlett elef u mitejn. Is-socjeta' J&J kienet tipprovdi konkos jew zrar. Huwa ma jafx jekk effettivament is-socjeta' J&J kienetx tipproduci hi stess konkos u zrar. Ix-xhud kien jaf lilu personali biss. Sa fejn jaf hu Fredu huwa l-imghallem il-kbir tas-socjeta' J&J u sussegwentement miet f'accident. Huwa jaf li kellu *plant* u ngenji Wied il-Ghajn pero' x'kienu jaghmlu dawn l-ingenji huwa ma jafx.

Rat illi fis-27 ta' Mejju, 2015 is-socjeta' konvenuta pprezentat kopja tar-rapport tal-Perit Patrick Spiteri Fiteni li kien sar accenn ghalih fir-rikors tas-socjeta' konvenuta tal-25 ta' Mejju, 2015.

Rat ir-risposta ulterjuri tas-socjeta' konvenuta pprezentata fis-7 ta' Lulju, 2015 fejn eccepiet:

1. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta' intimata, l-ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta' intimata lis-socjeta' attrici in kwantu x-xoghlijiet esegwiti mis-socjeta' attrici ma sarux skond is-sengha w l-arti tant li diga' zviluppaw hsarat strutturali fil-bini in kwistjoni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Fis-27 ta' Jannar, 2016 xehed **il-Perit Kevin Fsadni** li kkonferma li huwa kien involut fil-proprjeta' li tinsab fi Triq Fabrizio Bartolo kantuniera ma' Sqaq Speranza fil-Mosta fis-sens li kien intalab jaghti l-assistenza tieghu minn Ruben Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Spjega li kellu jiehu hsieb it-twaqqiegh

tad-dar, isiru l-iskavi, japplikaw ghall-permess u jinbena blokk appartamenti. Ix-xhud qal illi fil-kostruzzjoni kien hemm il-bennej Carmel Cortis involut. Qal ukoll illi l-binja in kwistjoni kienet tlestiet fis-sena 2009/2010. Zied li fl-2012 min kien qed joqghod fil-ground floor maisonette kien ikkomunika maghhom fejn infurmahom li kienu qeghdin jizviluppaw xi konsenturi fil-proprjeta' no. 4 Triq Fabrizio Bartolo. Ghalhekk huwa mar fuq il-post. Spjega li filfatt kien hemm ukoll perit iehor imqabbad mill-inkwilin tal-post stess u t-tnejn innotaw li kien hemm numru ta' konsenturi f'numru ta' kmamar. Huma stabbilew li ma kien hemm l-ebda periklu mmedjat pero' ddecidew li jibqghu isegwuhom biex jaraw l-izvilupp taghhom.

Qal li sa Ottubru 2015 kienu ghadhom isegwuhom u dehru li l-movimenti waqfu. Sostna li raw ukoll il-proprjeta' kemm sovrastanti kif ukoll sottostanti w li ma kienx hemm sinjali ta' difetti, w ghalhekk peress illi din il-hsara saret sentejn jew tlieta wara t-tlestija ta' dan il-blokk u peress li m'hemmx difetti diretti relatati fil-proprjetajiet sovrastanti u sottostanti, stqarr li huwa difficli tghid x'kienet il-kawza, ghaliex effettivament dawn il-konsenturi kienu jezistu. Ammetta li filfatt ghadhom ma ddecidewx x'ghandu jkun ir-rimedju strutturali ghal din il-hsara biex ma jkunx hemm aktar movement, ghalkemm stqarr ukoll li fil-prezent irid isir xoghol ta' rimedjar biex jigi stabbilit li m'hemmx aktar moviment biex issir it-tiswija necessarja bhala finishes. Il-Perit esebixxa kopja ta' rapport imhejji minnu li l-Qorti mmarkat bhala Dokument KF.

Semghet lill-Avukat Dr Franco Galea ghan-nom tas-socjeta' konvenuta jittratta il-kawza u rat li talab lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallashom is-somma minnhom pretiza fir-rikors promotur. Illi s-

socjeta' konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha fl-ewwel lok teccepixxi li ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghalhekk ma ghandhiex twiegeb ghat-talbiet taghha in kwantu mhix il-legittimu kontradittur ta' l-istess attur.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2012 (fol. 16) fejn din il-Qorti kienet laqghet it-talba ta' l-attur Carmel Cortis sabiex issir korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-istess Carmel Cortis kien qed jidher f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Tiscor Construction Limited u ordnat li ssir il-korrezzjoni kif mitluba.

Illi ghalhekk illum-il gurnata il-kawza qed issir mill-attur Carmel Cortis f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Tiscor Construction Limited kontra is-socjeta' Pace Property Development Ltd.

Issa minn ezami tad-dokumenti esebiti fl-atti a fol 22 u 24 jidher ab initio li l-partijiet f'din il-vicenda kienu s-socjeta' attrici Tiscor Construction Limited bhala l-kuntrattur u s-socjeta' konvenuta Pace Property Development Limited bhala sid l-kostruzzjoni li kellha tinbena. Konsegwentement r-rabta kuntrattwali tirrizulta biss bejn is-socjetajijiet kontendenti u ghalhekk l-eccezzjoni li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex relazzjoni mal-attur de proprjo hija veritiera u konsegwentement tiddikjara li m'ghandhiex relazzjoni mal-istess attur.

Fit-tieni lok is-socjeta' konvenuta ssostni li t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici in kwantu t-talbiet taghha huma privi minn kull fundament guridiku u fattwali. Jinghad li din hija kawza semplici ta' '*debt collecting'*, fis-sens li s-socjeta' attrici qed tghid li hija ghad baqghalha bilanc ta' flus li trid tigbor minghad is-socjeta' konvenuta waqt li Reuben Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta qed jghid li huwa hallas kull kont li rcieva u

addirittura jghid li ghamel ukoll *over payment* pero' kontro-talba ghal dak li hallas zejjed ma pprezentax.

M'hemmx dubju li in linea preliminari kif dispost fl-**Artikolu 1624 tal-Kapitolu 16** min jahdem irid jithallas ta' xogholu. Fil-fatt in tema legali huwa pacifiku li min jippresta s-servizzi ghal vantagg ta' haddiehor hu intitolat li jithallas ghal xogholu (omnia labor optat premium.)

Illi l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha datata 20 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet "**Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja**" qalet:

*"Illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergent mir-rizultanzi processwali"* (Ara "**Av. J. Buttigieg noe vs Jos. Portelli noe**", Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; "**Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe,**" Appell, 5 ta' Ottubru 1998).

Kif jinghad mill-***Phipson*** "**On Evidence**", (11th Edition, para 103) "*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case."*

Illi jigi notat li fit-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, ma hemmx indikat bi precizjoni 'l ghala s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex thallas dak minnha mitlub u dan ghaliex l-eccezzjoni taghha hija fis-sens li *"it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent in kwantu huma privi minn kull fundament guridiku u fattwali"* pero' fix-xhieda ta' Reuben Pace li xehed f'diversi okkazzjonijiet ghan-nom tal-istess socjeta' konvenuta huwa jsostni li s-socjeta' konvenuta halset dak kollu minnha dovut permezz ta' hlasijiet cash, hlasijiet permezz ta' cheques kif ukoll permezz ta' varji *credit*

*notes* accettati mill-istess socjeta' attrici. Illi ghalhelkk huwa l-oneru tas-socjeta' konvenuta li tipprova dak minnha allegat u cioe' li hija ghamlet over payment, stante dak li in realta' qed jigi kontestat huwa l-fatt li l-kreditu mhux dovut ghaliex thallas.

Illi huwa veru li l-istess awtur **Phipson "On Evidence"** jispjega wkoll (op. cit, para 91) illi r-regola *"Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio" "is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case",* pero' huwa ovvju li abbazi tal-principji fuq esposti w in vista tal-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hemm spostament fl-oneru tal-prova, la darba s-socjeta' konvenuta qed tghid li hallset l-ammont dovut minnha.

Kif inghad fis-sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**George Bugeja vs Joseph Meilak**':

*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta'*

*dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni.*

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq is-socjeta' konvenuta tal-pagament li hija tallega li ghamlet. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet '**Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech'** deciza 28 ta' Mejju, 1885 qalet li "*La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega*[1]. Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, is-socjeta' konvenuta jehtiegilha qabel xejn tipprova, b'mod konvincenti u konkluziv, illi hija effettivament ghamlet l-hlas lura tas-somma reklamata. Jekk hija ma tirnexxilhiex taghmel din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (art. 1145 tal-Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqha ghax fuqha kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament;

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri'** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran insibu li "*qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx*

[1] Kollez. Vol. X pagna 825

*issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa' allura salv il-principju illi f'kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament ta' l-argoment tezisti*" (Ara **<u>Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe</u>** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

*"Hu pacifikament stabbilit illi "il-pagament jista jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur. Kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li jridu jkunu tali li jkunu kapaci jikkonvincu lill-gudikant".*[2]

Illi f'din il-kawza xehed Reuben Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u spjega illi huwa kien ghamel negozju mas-socjeta' attrici kif jirrizulta mill-kuntratt esebit minnu u mmarkat bhala Dok A a fol 22 tal-atti. Jidher li f'dan il-kuntratt il-partijiet kienu ftiehmu it-tip ta' xoghol li kellha taghmel is-socjeta' attrici, il-hlasijiet li kellhom isiru ghal dan ix-xoghol u anke hadu hsieb li jipprovdu l-kundizzjonijiet li jikkoncernaw il-permessi relattivi ghal dan ix-xoghol u min kien obbligat li jiehu hsieb li jottjeni dawn il-permessi u li jhallas ghalihom. Illi skond Reuben Pace ma jidhirx li kien hemm wisq kontestazzjoni dwar il-hlasijiet u modalitajiet kif saru u dan ghaliex dejjem gew accettati mis-socjeta' attrici. Fil-fehma tieghu huwa kien marbut biss bil-kuntratt datat 5 ta' Settembru 2009 esebit fl-atti miz-zewg partijiet. Issa skond id-dokument esebit fl-atti mmarkat bhala Dok B a fol. 24 mahrug mis-socjeta' konvenuta jidher li s-

[2] Ara d-decizjonijiet riportati fil-volumi XLIII p.II p 624 u XXXVII p.I p.525

socjeta' attrici kient intitolata ghal hlas ta' €108,762.11. Illi jidher li Reuben Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta qed jikkontendi li din is-somma kienet inclusive of VAT filwaqt li Carmel Cortis jghid li ma kinitx inclusive of VAT u ghamel referenza ghal dak li jistipula l-kuntratt stess fil-parti ahhari tieghu fejn hemm indikat "*VAT mhix inkluza fil-prezzjijiet u trid tizdied mal-valur tax-xoghol*".

Jirrizulta ukoll minn dan id-dokument li efettivament is-socjeta' konvenuta hallset lis-socjeta' atttrici s-somma ta' €110,811.76 kif indikat minnha stess u ghalhekk hemm diskrepanza vera ta' €2,049.65. Illi s-socjeta' konvenuta marret otlre u dan ghaliex esebiet kopja ta' kull pagament li ghamlet in sostenn tat-tezi taghha li hija hallset l-ammont ta' €110,811.76 konsistenti f'cheque images, ricevuti tal-hlasijiet li saru permezz ta' cash iffirmati minn Carmel Cortis in rappresentanza tas-socjeta' attrici u varji Credit Notes. Ma jirrizultax li dawn ic-cekkijiet ma gewx imsarfa jew li l-Credit notes ma ntuzawx u dan ghaliex s-socjeta' attrici ma resqet lill-ebda xhud sabiex jghid li l-credit notes li nghataw mis-socjeta' konvenuta ma ssarfux. Cio' nonostane xorta jidher li hemm diskrepanza fix-xhieda principali u cioe' f'dak li xehed Carmel Cortis ghan-nom tas-socjeta' attrici u dak li qal Reuben Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza '**<u>Xuereb et vs Gauci et'</u>**, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".* Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" il-Qorti (PA/PS) qalet:

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Illi f'din il-kawza Carmel Cortis fl-interess tas-socjeta' attrici xehed u spjega illi dwar il-prezzjijiet kienu ftiehmu qabel ma nbeda ix-xoghol u l-ftehim huwa dak esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok CC (fol. 65) gja imsemmi aktar 'l fuq mmarkat bhala Dok A esebit mill-konvenut a fol 22. Qal li huwa kellu ftehim ma' Reuben Pace illi l-Perit Fsadni kellu johrog il-kontijiet sular sular u Pace ihallsu skond il-kont tal-Perit. Ikkonferma li bhala xoghol s-socjeta' attrici kellha tibni basement, maisonette, sular b'zewg flats, sular bi flat wiehed u parti minn penthouse u s-sular ta' fuq jigi it-tieni sular ta' duplex penthouse flimkien mal-washrooms. Dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. Il-

kontestazzjoni tikkoncerna il-kontijiet li saru, il-hlasijiet li saru akkont u jekk il-VAT kienx inkluz jew le.

Spjega illi f'Ottubru 2009 huma lestew ix-xoghol tal-garage u nhareg il-kont (Dok CC1 fol. 67) datat 27 ta' Ottubru 2009 fl-ammont ta' €24,048.02. Skond ix-xhud dan il-kont kien minghajr VAT filwaqt li minn ezami ta' dan id-dokument mahrug mill-Perit Fsadni hemm indikat il-VAT dovut fl-ammont ta' €4,328.64. B'hekk bhala total skond il Perit Fsadni ghall-basement Pace kellu jhallas €24,048.02 Masonry and Concrete Works + €4,328.64 Vat + measurement fee ta' €283.77. Total komplessiv ta' €28,660.43.

Jghid li Reuben Pace kien hallsu is-somma kollha dovuta **salv** €315 u l-VAT fl-ammont ta' €4,328.64. (Jinghad pero' li rcevuti tal-hlasijiet li rcieva ma gewx prezentati minn dan ix-xhud).

Jghid ukoll li in segwitu kompla bix-xoghol u f'Marzu 2010 kien lesta l-ground floor maisonette, first floor (2 flats) u second floor (flat u l-ewwel sular tal-pent house). Il-Perit Fsadni hareg dan il-kont immarkat Dok CC2 (fol. 72) fl-ammont ta' €19,734.28 ghal Masonry and Concrete works oltre is-somma ta' VAT €3,552.17 u measurement fee ta' €232.86. Total komplessiv ta' **€23,519.31.**

Jghid ukoll li in segwitu peress li l-Perit Fsadni ma setghax ikompli b'dan ix-xoghol kien inhareg kont iehor ghal xoghol indikat fid-dokument CC3, liema kont hareg minn Edward Caruana pero l-kont tieghu kien fl-ammont ta' **€22,784.05** (fol. 77). Jinghad f'dan id-dokument li l-VAT mhux inkluz. Ghalhekk ghandu jizdied il-VAT ta' 18% fl-ammont ta' €4,101.13.

Jirrizulta wkoll li in segwitu hareg kont iehor ukoll minn Edward Caruana esebit bhala Dok CC4 (fol. 89) datat 29 ta' Marzu 2010 u dan fir-rigward tax-

xoghol li sar fis-second floor (flat u l-ewwel sular tal-penthouse) fl-ammont ta' **€18,231.31**. Dan l-ammont ukoll ma jinkludix il-VAT ta' 18% li kellu ikun €3,281.64.

Intant kompla bix-xoghol u fit-18 ta' Mejju 2010 hareg l-ahhar kont immarkat bhala Dok CC5 (fol 96) fl-ammont ta' €8,450.05 eskluz il-VAT ta 18% li kellu jkun €1,521.01.

Illi din il-Qorti rat li dwar il-kwsitjoni tal-VAT fejn hemm imnizzel il-VAT u cioe' fid-dokument tal-Perit Fsadni dawn huma gja inkluzi fil-kont pero' fir-rigward tal-kontijiet ta' Edward Caruana ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi VAT u ghalhekk kienet din l-istess Qorti li sejra taghmel il-kalkolu u zieda tal-VAT mal-valur moghti minnu.

Ghalhekk skond il-kalkoli tas-Sur Cortis jew ahjar id-dokumenti esebiti minnu huwa kellu jircievi s-somma ta':
Dok CC1 - €28,660.43
Dok CC2 - €23,519.31
Dok CC3 - €22,784.05 oltre il-VAT fl-ammont ta' €4,101.13 = €26,885.18
Dok CC4 - €18,231.31 oltre il-VAT fl-ammont ta' €3,281.64 = €21,512.95
Dok CC5 - €8450.05 oltre il-Vat fl-ammont ta' jkun €1,521.01 = €9,971.06

**Total ta' €110,548.93**

Illi Carmel Cortis fl-affidavit tieghu jghid ukoll li apparti is-somom indikati f'dawn il-kontijiet hemm ukoll is-somma ta' €71.97 li trid tizdied dwar il-kont tal-qlugh li ghamlu tal-hitan bl-approvazzjoni ta' Reuben Pace. Ghalhekk is-somma totali li kien qed jippretendi kienet fl-ammnt ta' €110,548.93 + €71.97 = **€110,620.90**

Issa Reuben Pace ma jikkontestax dawn id-dokumenti mahruga mill-Perit Fsadni u lanqas dawk mahruga minn Edward Caruana. Izda irrediega kont finali hu stess u cioe' d-dokument esebit fl-atti a fol. 24 immarkat bhala Dok B fejn hemm indikat li skond il-pagamenti li huwa ghamel lis-socjeta' attrici, li ma gewx kontestati, huwa hallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €**110,811.76.** Ghalhekk gie li verament ghamel over payment fl-ammont ta' **€ 190.86.**

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax raguni ghaliex ghandha tiddiskuti l-ecezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta' konvenuta stante li ma hemm l-ebda kontro-talba konnessa mal-istess eccezzjoni.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur de proprio, qieghda tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li hija m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni ulterjuri taghha stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici. Konsegwentement, in vista tal-istess, il-Qorti qed tichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez kollha salv ghal dawn relatati mal-ecezzjoni ulterjuri huma kollha a karigu tas-socjeta' attrici.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**